TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 76/18/F

**Lawrence u Mary Concetta Farrugia**

**vs**

**Proman Interiors**

Illum 9 t'Ottubru, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Mejju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mitejn, u wieħed u sittin ewro (€261), rappreżentanti l-prezz ta' bieb illi wara li gie nstallat instab li kellu diversi xquq, ossia l-bieb kien maqsum.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi wieħed mill-bibien li ġew installati fil-propjeta' tiegħu kellu xi qsim u għalhekk qed jitolbu li dan il-bieb jiġi mibdul.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ. Kif ukoll it-Tribunal, jinnota li l-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub, għalhekk ma kkontestax din it-talba.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn, u wieħed u sittin ewro (€261), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888